MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 321/2000/1

**Sky Travel International Ltd**

**Vs**

**Actel Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm279.10 rapprezentanti ammont li ghadu dovut mis-socjeta konvenuta in konnessjoni ma diversi servizzi rezi fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 9 ta’ Lulju 1999 u bl-interessi legali kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (fol 7 tal-atti) u li biha eccepiet fir-rispett:

1. Illi hija mhijiex debirici tas-socjeta’ attrici la fis-somma mitluba u lanqas f’xi somma ohra u hija l-istess socjeta’ attrici illi hija debirici taghha u dana anki in via ta’ danni.

2. Illi l-partijiet kienu addottaw sistema ta’ “barter” bejniethom li in forza taghha s-socjeta’ attrici kienet tipprovdi l-biljetti tal-ajru tas-Socjeta’ konvenuta li minn naha taghha kienet tipprovdi akkomodazzjoni fil-lukandi that is-sistema “Resotel” u ma jidhirx li l-istess socjeta’ attrici hija b’xi mod kreditrici tas-socjeta konvenuta.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tas-socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi Norman Aquilina (fol 9 et seq tal-istess atti) spjega li s-socjeta’ attrici, li taghha hu direttur, kienet forniet biljetti tal-ivjaggar, lil dik konvenuta u in rigward dan kien ghad hemm dovut minn din is-socjeta bilanc skond kif specifikat fl-avviz u fiz-zewg fatturi, esebiti minnu stess u li jinsabu annessi a fol 12 u fol 13. In rigward l-istess bilanc wara li kien ghadda certu zmien, is-socjeta’ konvenuta kienet kitbet ittra “in risposta” lill-istess socjeta attrici dwar l-istess bilanc (ara fol 14 ibid), f’liema ittra hemm allegat li, bejn l-istess socjetajiet, kien hemm vigenti, ftehim ta’ “barter”, kif hemm spjegat fl-istess ittra. Inoltre x-xhud specifika li, mir-“records” tas-socjeta’ attrici, li ma kienetx ghadha topera, ma kienx jidher li kien hemm xi fatturi li juru li hemm xi flus dovuti lis-socjeta konvenuta in konnessjoni ma’ servizz ta’ akkomodazzjoni provdut minn din is-socjeta. Sharon Aquilina, direttur iehor tal-istess socjeta attrici, filwaqt li ikkonfermat dak li xehed ix-xhud precedenti, specifikatament eskludiet li kien hemm xi

ftehim ta’ “bartering” bejn l-istess socjetajiet hlief li “…. fil-passat kien sar set off wiehed …… in rigward accomodation biss …. (u li) …….. gara madwar 3/4 xhur qabel iz-zewg invoices in kwistjoni”. Fl-ahhar nett hi qalet “Ma kien hemm ebda ‘set off’ ossija tpacija kontinwa bejnietna”.

Ikkunsidra

Illi Alexander Bonello, f’isem is-socjeta’ konvenuta “qua” direttur taghha xehed (fol 24 et seq ibid) jsostni li kien hemm ftehim ta’ “bartering” vigenti bejn iz-zewg socjetajiet ghal perjodu twil u in sostenn ta’ dan esebixxa zewg fatturi (fol 26 u fol 27 ibid) datati “as at 17th April 1996” u “as at 23rd July 1996”. Inoltre, hu sostna li “…. Jekk wiehed jesamina t-transazzjonijiet diversi li kien hemm bejnietna wiehed jasal ghall-konkluzjoni li s-socjeta konvenuta ghandha tiehu Lm90.88 bhala bilanc fuq l-“istatement overall” oltre ammont ulterjuri skond il-fatturi esebiti a fol 19 u 30 ibid b’kollox Lm247.88,0 bis-socjeta konvenuta “…. Pronta thallas id-differenza”.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li l-eccezzjoni sottomessa mis-socjeta konvenuta qed tirreferi ghal pagament permezz ta’ tpacija skond kif regolat bl-artikolu 1196 et seq tal-Kodici Civili. Pero ghandu jigi notat li tpacija topera in rigward debiti li huma likwidi u li jistghu jintalbu (Art 1197(1) ibid) waqt li dejn ghandu jigi konsiderat bhala likwidu “meta hu cert ukoll f’dik li hi kwantita”.

Illi mill-premess jidher evidenti li s-socjeta konvenuta qed tallega stat ta’ fatt, li hu kontestat minn dik attrici. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tara kif l-ammont risultanti mix-xhieda ta’ Alexander Bonello jista’ jigi konsiderat bhala debitu cert vis-à-vis il-kwantita u dana apparti minn kull konsiderazzjoni ohra dwar jekk kienx hemm ftehim kif allega l-istess Alexander Bonello f’isem is-socjeta konvenuta.

Illi ghandu jinghad li jkun opportun li s-socjeta konvenuta tadixxi l-Qorti permezz ta' azzjoni "ad hoc" dwar dak allegat minnha fit-tieni eccezzjoni sottomessa minnha tenut kont li f'dan il-kaz, m saritx kontro talba skond il-ligi.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl tal-premess, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm279.00,0 bl-imghax legali "a scalletta" mit-13 ta' Frar 1997 u mill-24 ta' Frar 1997 skond il-fatturi esebiti fol 12 u fol 13 tal-atti, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Lulju 1999. B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-istess socjeta konvenuta skond il-ligi in konnessjoni ma dak pretiz minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------